**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Is-36 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 24 t'Awwissu 2015 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Riżoluzzjoni Speċjali dwar Minuta 2.19 u Minuta 4 tal-Laqgħa Nru. 35 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
4. **Evalwazzjoni tal-andament tal-festi li kellna f'raħalna fl-2015**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-36 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 24 t'Awwissu 2015 fl-4:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:35 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-35 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

1.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa rrimarka li kien hemm żewġ mistoqsijiet li għamel hu fl-aħħar laqgħa u li ma ġewx imniżżla fil-Minuti. Dawn kienu:

1.2.1 1. Għal liema raġuni ma kenux imħawlin fjuri fi Triq Antonio Chircop, wara l-Monument tal-Madonna ta' Lourdes, matul ix-xahar ta' Ġunju?

1.2.2 2. Għal liema raġuni l-latrina pubblika ta' ħdejn il-Knisja Parrokjali, f'nhar il-festa tal-Madonna ta' Lourdes, kienet magħluqa fid-9pm?

1.2.3 Is-Sindku David Schembri spjega kif dawn iż-żewġ mistoqsijiet kienu mwieġba fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali imma ma tniżżlux fil-Minuti u reġa' fisser kif:

1.2.4 1. Kienu tħawlu xi fjuri wara l-Monument ta' Lourdes matul ix-xahar ta' Ġunju iżda dawn ma kenux adattati għal dan il-lok u allura tneħħew u li tħawlu warajhom ma laħqux fetħu sakemm waslet il-festa tal-Madonna ta' Lourdes fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju. Spjega kif dan kien iż-żmien meta l-ħaddiema tal-ELC assenjat f'raħalna, Mario Spiteri, kien indispost minħabba inċident li kellu.

1.2.5 2. Il-latrina pubblika nqalgħatilha xi ħsara u beda ħiereġ l-ilma u għaldaqstant kien deċiż li din tingħalaq minħabba li ma kenitx qiegħda tiffunzjona sew.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 5/2015, mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 5/2015 – Skema Korsijiet *Lifelong Learning 2015-2016* – applikazzjoni.**

2.2 Inqrat Memo 17/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 17/2015 – Ġbir ta' Skart Separat.**

2.3 Inqrat Memo 18/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 18/2015 – L-Att Dwar ir-Responsabilita' Fisakli (Kap. 534).**

2.4 Inqrat Memo 19/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 19/2015 – Ħinijiet tal-Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali.**

2.4.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk il-kollezzjoni tal-iskart domestiku tistax tibda ssir filgħaxija.

2.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia rrimarka li l-ġbir tal-iskart domestiku filgħaxija jaf ikun problema.

2.4.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet li għallinqas il-ġbir tal-iskart filgħodu jibda jsir aktar tard u mhux jibda fis-7am.

2.4.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li lura fis-snin, meta kien inbidel il-kuntrattur, kien pruvat dan l-esperiment, li l-ġbir tal-iskart isir tard filgħodu, imma kien inqala' kjass sħiħ, tant li l-Kunsill Lokali ta' dak iż-żmien kellu jwaqqaf dak il-kuntratt partikolari u qal li issa jista' jiġri l-istess.

2.4.5 Is-Sindku David Schembri qal li forsi wasal iż-żmien li nibdew inġibu l-*Green Wardens* ħalli nipprovu nirrisolvu din is-sitwazzjoni li qegħdin insibu ruħna fiha.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.4.6 Hu ppropona li għalissa għandna nħallu kollox kif inhu fir-rigward tal-ħinijiet tal-ġbir, biss min-naħa l-oħra hemm bżonn li nitkellmu mal-kuntrattur sabiex il-ġbir jibda fis-7am u mhux aktar kmieni.

2.4.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.5 Inqrat Memo 20/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 20/2015 – Pubblikazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali/Lista ta' Niċeċ fil-Lokalita'.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Referenza għal Memo 20/2014 – Kanali tal-Ilma *(Water Culverts).***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa ta' tagħrif tal-*WasteServ* mas-Segretarji Eżekuttivi dwar il-*European Week for Waste Reduction.***

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kopja tal-*presentation* u tagħrif ieħor li ntwerew waqt il-laqgħa tal-*WasteServ* mas-Segretarji Eżekuttivi dwar il-*European Week for Waste Reduction.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħat tal-Pulizija għall-Anzjani dwar prevenzjoni tal-kriminalita' – Kunsilli Lokali.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***INTERREG MED 2014 – 2020: in search of Maltese partners – SVIM – Sviluppo Marche*.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 345/15:* Informazzjoni fuq Memo 16/2015 – EPPS.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ESF 4.243 – Posters and Leaflets – Public Services Online.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Recruitments*** **fil-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 154/15 –** ***List of Live Streaming Links.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 987/14 –** ***Bus Shelter*** **– Qrendi.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 373 – Punti mqajma mill-Kunsilli Lokali mal-Kabinett.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 987/14: Bus Shelter*** **quddiem dar residenzjali – il-Qrendi.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Creditor's Balances – 30/06/15.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Procurement Statistical Information (2014).***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Eżerċizzju Finanzjarju mill-AKL.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Procurement of Workstations – Public Services Online.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Claims for Payments.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Information regarding the Sports Scheme 2014/15.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit għal għoti ta' ċertifikati għall-Iskema Inizjattivi**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-15.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviżi ta' Tenders/*Quotations.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **L-Avviżi tar-Riklami ta' Offerti u Kwotazzjonijiet.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Massimo Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ringrazzjament mid-Dar tal-Providenza.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 34/2015 – Konferenza Proġett *Local-Sats.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 35/2015 – Laqgħa Plenarja nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015.**

2.29.1 Is-Sindku David Schembri, l-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud kollha kkonfermaw li se jattendu għal din il-laqgħa. Min-naħa l-oħra, l-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li mhux se tkun tista' tattendi.

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 36/2015 – Korrispondenza mill-Fondazzjoni ALS Malta.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***High Resolution Photo of the Locality.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Respective plaques to be affixed for the respective projects.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Lapta Community Visit.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Muscat, Maniġer fi Transport Malta, bit-titlu **Talbiet mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christabel Duca minn Transport Malta, bit-titlu ***Qrendi Rural Roads.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Antoinette Conti minn Transport Malta, bit-titlu ***Developments re Proposed Road Works in Qrendi.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***The feast of the Assumption of Our Lady in Qrendi.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of filming in Qrendi.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul, *Assistant Manager* fi Transport Malta, bit-titlu ***Road Works Permitting Process.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Muscat, Membru u Segretarju tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, bit-titlu **Tismija ta' Toroq.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Fenech, Segretarja fl-Uffiċċju tad-Direttur fid-Dipartiment tat-Tindif, bit-titlu ***Complaint* – Triq 15 ta' Awwissu, Qrendi.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fid-Dipartiment tal-Kura Primarja, bit-titlu ***Invitation – Primary Health Care Department programme of Health Educational Talks.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alessandro Cristina mis-Sovratindenza tal-Wirt Kulturali, bit-titlu ***State of the Heritage Report (for calendar year 2014) – Data Collection Excercise.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Zerafa, *Principal Technical Officer* fid-Dipartiment għax-Xogħolijiet u Infrastruttura, bit-titlu ***Publication of Door Numbering Excercise.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Duncan Xuereb, Uffiċjal Agrikolu fid-Direttorat tas-Saħħa, bit-titlu ***Updated Records of Spraying of Palm Trees – January to July 2015.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Mallia, Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-MEPA, bit-titlu ***Public Consultation: Natura 2000 Management Plans.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Melissa Abdilla, *Operations Executive* ma' GreenPAK Malta, bit-titlu ***Recycable Waste Collections on Public Holidays.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise Brincat, *Senior Manager* ma' GreenPAK Malta, bit-titlu ***GreenPAK LC Awards – Dress Code.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur J. Neville Ebejer, *Senior Environment Inspector* fid-Direttorat P.A.R.K., bit-titlu ***Invite Local Councils (e-mail message Executive Secretary).***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Rene Savona Ventura, *Operations Manager* ma' RSS Ltd., bit-titlu ***Change of Company Name from Industrial Projects Industrial Services Ltd. to Resource Support and Services Limited.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato mil-LEAP!, bit-titlu ***Application form and poster LEAP Final Conference.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato mil-LEAP!, bit-titlu ***9th September – Final LEAP Conference/Graduation.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabelle Gatt, *Senior Clerk*, fil-Kunsill Malti għall-Arti, bit-titlu ***Cultural Calendar – October-December 2015.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-PS1392 Kevin Buhagiar, mid-Dipartiment tal-Kriminoloġija fid-Dipartiment tal-Forensika, bit-titlu ***Asking for Information.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rosette Borg, *General Manager* tal-Koperattivi Maltin, bit-titlu ***Invitation: SuWaNu Workshop.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Desiree Cassar, Ċerpersin tal-*Animal Guardians Malta*, bit-titlu ***Animal Guardians Malta – SCAN Project.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Bezzina, *General Manager* ta' Outlook Coop, bit-titlu ***Invoice Horizons.***

2.57.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni.

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Fjoralba Kodrasi, *Project Assistant* ma' *Paragon Europe*, bit-titlu ***Mobility Week 2015.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nakita Grima, *Production Manager* ma' *Rewind Productions*, bit-titlu ***Permit for Filming in Qrendi.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nakita Grima, *Production Manager* ma' *Rewind Productions*, bit-titlu ***Permit for Filming.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams, *Sub-Editor* ma' ENCORE, bit-titlu ***Call for cultural events to be listed in the #3 issue of ENCORE – Arts & Culture Magazine, Local Councils.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mersia Mackay bit-titlu ***Number 6,* Triq San Mattew, Qrendi.**

2.63 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjuri Martin Cachia, Rocco Cachia, Josephine Bugeja, Frank Cachia, Doris Mifsud, Rita Ciantar u Nazzareno Cachia għal talba għal parkeġġ riservat quddiem id-dar t'ommhom Marija Cachia fi Triq Santa Katarina.

2.63.1 Is-Sindku qal li hu mhux se jkun qiegħed jipparteċipa f'din id-deċiżjoni minħabba li jiġi mill-bogħod minn din il-familja, u dan sabiex żgur ma jkunx hemm ħjiel ta' xi kunflitt t'interess.

2.63.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa mexxa din il-parti tal-laqgħa, sabiex tittieħed id-deċiżjoni, u qal li għandna nibagħtu t-talba lil Transport Malta sabiex naraw jekk tiġiex aċċettata jew le.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.63.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li personalment ma jsibx oġġezzjoni u qabel mal-Viċi Sindku lit-talba għandha tintbagħat lil Transport Malta.

2.63.4 Il-Viċi Sindku qal li probabilment bejn it-8am u t-8pm kuljum, se jkun hemm parkeġġ moħli għaliex qatt ma jkun hemm karozzi pparkjati quddiem ir-residenza tas-Sa. Cachia.

2.63.5 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud qablu mal-proposta inizjali tal-Viċi Sindku, lit-talba għandha tintbagħat lil Transport Malta għad-deċiżjoni min-naħa tagħhom.

2.64 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Salvu Portelli għal talba għal parkeġġ riservat quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq it-Tempesta.

2.64.1 Is-Sindku qal li diġa' tkellem mas-Sur Portelli minħabba li għad hemm bżonn xi dokumenti oħra qabel it-talba tiġi mgħoddija quddiem Transport Malta.

2.65 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Maria Lourdes Galea għal talba għal kaxxa safra quddiem ir-residenza tagħha fi Triq il-Ħniena.

2.65.1 Il-Viċi Sindku qal li l-problema tas-serq imniżżla fl-ittra ma tantx tagħmel sens, għaliex is-serq jista' jsir fuq kulħadd u minn kullimkien.

2.65.2 Is-Sindku qal li dan il-każ l-aħjar nibagħtuh lil Transport Malta sabiex jagħtuna direzzjoni fuqu.

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Noel Pace bit-titlu **Arblu.**

2.66.1 Is-Sindku qal li fiż-żona msemmija fl-*e-mail* prattikament toqgħod persuna waħda u għaldaqstant ippropona li għalissa se npoġġu din it-talba fil-lista ta' stennija flimkien ma' talbiet oħra.

2.66.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.66.3 Is-Sindku semma' wkoll li hemm bżonn isiru żewġ bozoz fi Triq Ħaġar Qim, fin-niżla li tagħti għal Triq il-Panorama għax fil-preżent qiegħed ikun hemm

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dlam ċappa.

2.66.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jon Mallia bit-titlu ***Permit for Wedding.***

2.67.1 Is-Sindku qal li jekk kemm-il darba se naċċettaw din it-talba se nkunu qegħdin inxekklu kemm lill-għaddasa li jużaw din iż-żona kif ukoll lil tar-ristoranti dakinhar tat-tieġ.

2.67.2 Fil-fatt, hu żied li ma jaqbilx li nagħtu permess li jsir riċeviment ta' tieġ fil-belveder ta' Wied iż-Żurrieq.

2.67.3 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li l-unika problema li tara hija l-immaniġġjar tat-traffiku u l-parkeġġ u pproponiet li jekk dak nitkellmu ma' min irid jagħmel il-permess sabiex il-karozzi jipparkjaw per eżempju qrib San Niklaw u jsir *bus shuttle service*.

2.67.4 Is-Sindku qal li jekk se nibdew nagħtu tali permessi, se nibdew intellfu t-turiżmu f'Wied iż-Żurrieq u nfixklu l-ekonomija t'hemm isfel minħabba li l-parkeġġ tal-karozzi huwa żgħir u noħolqu diversi problemi loġistiċi.

2.67.5 Il-Viċi Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu tieġ f'Wied iż-Żurrieq ikun ħafn'inqas t'inkonvenjenza milli jsir f'Misraħ il-Maqluba rigward l-aċċess għal terzi persuni.

2.67.6 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qablet mal-proposta tal-Kunsillier Farrugia u li b'hekk ma jkunx hemm daqstant traffiku fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq.

2.67.7 Is-Sindku fakkar li kien hemm anke ħafna tgergir għaliex darba fis-sena jingħata permess lis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina taż-Żurrieq sabiex jagħmlu ikla f'Wied iż-Żurrieq, aħseb u ara jekk nibdew nagħtu l-permessi għat-tiġien.

2.67.8 Wara diskussjoni ġie deċiż li fil-mument preżenti m'għandniex naċċettaw din it-talba u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3. **RIŻOLUZZJONI SPEĊJALI DWAR MINUTA 2.19 U MINUTA 4 TAL-LAQGĦA NRU. 35 TAS-7 LEĠIŻLATURA TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li rridu noqgħodu ftit attenti meta jittieħdu deċiżjonijiet waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali għaliex ma nistgħux noqgħodu nressqu r-riżoluzzjonijiet speċjali wara li diġa' tkun ittieħdet deċiżjoni dwar xi materja.

3.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fl-ittra jidher li hemm żball minħabba li l-Minuti tal-aħħar laqgħa ġew approvati llum u allura dan ifisser li l-ittra nkitbet meta l-Minuti kienu għadhom qas biss ġew konfermati.

3.3 Staqsa wkoll għaliex tressqet eżatt din ir-riżoluzzjoni speċjali.

3.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li min-naħa tiegħu jixtieq jikkonferma li hu kien urtat għal dak li bdiet tgħid il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud meta saħqet għal aktar minn darba li hi mhix se tivvota favur il-Perit Anthony Bezzina.

3.5 Dan fid-dawl li jekk kemm-il darba jkollna nerġgħu noħorġu s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Perizija u l-Kunsill Lokali jkollu jieħu vot dwar fejn se tmur l-għażla tiegħu.

3.6 Qal li min-naħa tiegħu kien qiegħed jaqbel ma' dak li kien qiegħed is-Sindku, jiġifieri lix-xogħol mibdi mill-Perit Bezzina għandu jitkompla, u fl-ebda ħin ma ried jagħti l-impressjoni li kien qiegħed jeħodha kontra l-Perit Bezzina li fil-preżent huwa l-Perit tal-Kunsill Lokali.

3.7 Il-Viċi Sindku qal li minn dak li qiegħed jifhem, ir-riżoluzzjoni speċjali tressqet sabiex il-Kunsill Lokali jmur lura mid-deċiżjoni li ħa dwar Triq il-15 t'Awwissu u l-isqaqien tal-lokal.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ikkjarifika li ġaladarba saret il-proposta tal-*bill of quantities* mill-Perit Anthony Bezzina fuq Triq il-15 t'Awwissu, din it-triq fl-aħħar mill-aħħar hija fir-responsabilita' tiegħu, sakemm hu stess ma jiddeċidiex li jgħaddiha lil Perit ieħor li jista' jkun minfloku jekk jinqala' dan il-każ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.9 Barra minn hekk żied lir-Riżoluzzjoni Speċjali ma tistax tiġi diskussa fid-dettall f'din il-laqgħa minħabba li l-ittra ma kenitx formulata tajjeb kif ukoll kienet iffirmata mill-Kunsillier Daniel Farrugia waħdu, meta skont il-liġi jridu jkunu żewġ Kunsillieri li jiffirmaw l-ittra sabiex titressaq Riżoluzzjoni Speċjali.

3.10 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li se jkun qiegħed jerġa' jikkonsidra jekk iressaqx Riżoluzzjoni Speċjali fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

## 4. EVALWAZZJONI TAL-ANDAMENT TAL-FESTI LI KELLNA F'RAĦALNA FL-2015

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li din is-sena kellna żewġ festi tajbin ħafna u sar ħafna sforz minn kulħadd, speċjalment mill-kumitati tal-każini tal-baned rispettivi, l-istaff tal-Kunsill Lokali, id-diversi kuntratturi kif ukoll il-Pulizija, sabiex kollox jimxi kif suppost.

4.2 Qal li kellna biss ftit problemi fejn jidħlu l-Gwardjani Lokali sakemm ġie deċiż fejn irid jingħalaq u ma jingħalaqx.

4.3 Spjega kif id-diżappunt il-kbir kien li l-Gwardjani Lokali ma neħħewx il-barrikati min-nofs meta lestew il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom u dan serva sabiex kien hemm periklu bla bżonn fit-toroq tagħna.

4.4 Żied lis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes permezz tas-Segretarju John Vella bagħtulna ittra ta' ringrazzjament ta' kif ħidmna matul il-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon staqsa dwar kif se jibdew jintużaw il-barrikati li għandu l-Kunsill Lokali.

4.6 Qal li dawn primarjament inxtraw sabiex jinkrew għar-riċevimenti li jsiru f'Misraħ il-Maqluba imma jidher li issa anke l-Każini tal-banda jixtiequ li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jibdew jagħmlu użu minnhom.

4.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li meta jkollhom bżonnhom il-każini tal-banda u dawk politiċi, kif ukoll il-Kappillan, dawn il-barrikati jissellfu mingħajr ħlas, imma jekk issir il-ħsara jew jinsterqu minnhom, dawn ikollhom jitħallsu.

4.8 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li ħassu xi ftit urtat li l-Kunsill Lokali kellu jkun infurmat li parti minn Triq Rokku Buhagiar kellha tingħalaq għal tliet ġimgħat minn fuq il-paġna ta' FB tal-Kunsill Lokali.

4.9 Is-Sindku wieġeb li dan il-punt ġie diskuss mas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija meta saret il-laqgħa ta' xahar qabel il-festa.

4.10 Is-Segretarju Chris Falzon wieġeb li l-Kunsill Lokali kien infurmat li se ssir din il-laqgħa u allura kulħadd seta' jattendi, bħalma wara kollox kien ġara fil-laqgħa mas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes.

4.11 Żied li fil-każ tal-laqgħa mas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes kienu attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li għal-laqgħa mas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija attendew biss is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku David Schembri qal lix-xogħol fil-Ġnien tal-Kmand min-naħa tal-Ministeru tax-Xogħolijiet issa tlesta u fadal biss jitqiegħed il-bieb il-ġdid tal-ħadid li hemm mal-faċċata.

5.1.1 Żied li min-naħa tiegħu diġa' avviċina xi persuni li jistgħu jagħmlu x-xogħol fuq il-bieb tal-ħadid il-ġdid u dan wara li ħa parir fuq xl-aħjar li jsir f'dan ir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.1.2 Spjega kif il-bieb il-ġdid tal-ħadid huwa stmat li se jiġi jiswa €1,100 inkluża l-VAT.

5.1.3 Is-Sindku ppropona li għanda naċċettaw din l-istima u nmexxu sabiex isir dan il-bieb ġdid tal-ħadid.

5.1.4 Qal li nistgħu mmexxu b'*direct order* u li dan il-bieb se jkun galvanizzat.

5.1.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

5.1.6 Is-Sindku kompla billi qal li huwa mistenni li sal-ewwel ġimgħa t'Ottubru x-xogħol għandu jkun lest kollu.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar il-proposti u l-pjanti dwar Wied iż-Żurrieq u qal li dawn ġew approvati u issa se jiġu mressqa quddiem il-Fondazzjoni tat-Turiżmu u wara quddiem il-Kabinett sabiex ikun hemm l-approvazzjoni min-naħa tagħhom.

5.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-problema tad-drenaġġ f'Wied iż-Żurrieq u qal li jidher li hemm xi ħadd li qiegħed jabbuża mis-sistema.

5.3.1 Spjega kif fil-preżent għaddejjin bl-investigazzjonijiet u jidher li l-abbuż xorta waħda għadu għaddej u qiegħed joħroġ ammont sostanzjali ta' drenaġġ ftit 'l isfel minn ħdejn l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u dan jibqa' nieżel sa 'ġebla tiċċaqlaq.'

5.3.2 Żied li kemm il-Pulizija kif ukoll membri mis-Sanita' għaddejjin bl-investigazzjonijiet separati tagħhom imma s'issa għadu ma rriżulta xejn b'saħħtu u konkret dwar x'qiegħed jiġri fil-verita'.

5.3.3 Tenna li l-Kunsill Lokali se jkollu jasal sal-punt li jkollu jaqla' parti mit-triq sabiex inkunu ċerti l-problema minn fejn hi ġejja.

5.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jsir dak kollu li hemm bżonn sabiex tiġi riżolta din is-sitwazzjoni xejn feliċi.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar preżentazzjoni ta' ktieb li saret mis-Sa. Julia Portelli

Farrugia lill-Kunsill Lokali, l-awtriċi tal-istess ktieb, liema publikazzjoni se titpoġġa fil-librerija pubblika tal-Qrendi.

5.4.1 Qal li barra dan il-ktieb, il-Kunsill Lokali rċieva diversi kotba oħra mingħand is-Sa. Grace Schembri, is-Sur Simon Gauci kif ukoll is-Sa. Amanda Gauci, u dawn il-kotba ġew mgħoddija lil-librerija pubblika sabiex jiddaħħlu fis-sistema qabel jinġiebu fil-librerija tal-Qrendi.

5.4.2 Żied li matul is-sena 2016 se nkunu qegħdin naraw kif nistgħu nibdew naħdmu fuq l-ixkaffar tal-librerija minħabba li hemm bżonn tkun aktar aċċessibbli.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu mal-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil, nhar it-3 t'Awwissu 2015.

5.5.1 Qal li din kienet l-aħħar waħda minn sensiela ta' laqgħat li l-Kunsill Lokali għamel sabiex jippreżenta l-ktieb minn Dr George Cassar dwar il-lokalita' tal-Qrendi, wara li saret preżentazzjoni simili lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Dr Marie Louise Coleiro Preca, kif ukoll lill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat.

5.5.2 Spjega kif permezz ta' dan il-ktieb se nkunu qegħdin nikkompetu fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u bħala lokalita' se nkunu qegħdin nikkontestaw b'żewġ kotba li wieħed minnhom huwa ippubblikat mill-Kunsill Lokali.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar studju li sar mill-Prof. Ray Mangion u qal li dan l-istudju huwa dwar il-Qrendi u jkun ideali jekk nistgħu naraw kif ngħinu sabiex dan l-istudju jkun ippubblikat.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti tal-Bank BOV dwar possibbilta' li ssir ATM fil-Qrendi.

5.7.1 Qal lid-diskursata kienet konċentrata ħafna fuq il-Qrendi u l-proposta tal-Kunsill Lokali kienet li din l-ATM issir wara l-Monument tal-Gwerra.

5.7.2 Jekk kemm-il darba tiġi aċċettata din il-proposta, l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed japplika għall-permess mill-MEPA sabiex tinbena kamra mill-Kunsill

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali stess fejn fiha tkun tista' titpoġġa l-ATM, u s-servizzi anċillari jsiru r-responsabilita' tal-Bank BOV.

5.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar laqgħa li saret mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu u Din l-Art Ħelwa dwar ir-restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

5.8.1 Spjega kif f'din il-laqgħa ħareġ ċar li l-ispejjeż tar-restawr se jammontaw għal madwar €220,000.

5.8.2 Żied li s'issa għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali jekk ir-restawr għandux isir bħala wieħed ħolisitku u f'daqqa, jew inkella dan jinqasam f'fażijiet differenti.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar l-istatwa ta' Santu Rokku li tinsab fi Triq il-Parroċċa u qal li hemm ftit tal-inkwiet fuq din l-istatwa minħabba li l-kolonni diġa' bdew ifarfru u probabbli sas-sena d-dieħla se jerġa' jkollna l-problemi mal-pedestall ta' din l-istatwa minħabba *rising damp.*

5.10 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-istatwa li hemm fi Triq iż-Żurrieq, qabel ma taqbad it-triq taċ-Ċimiterju.

5.10.1 Qal li wasal iż-żmien li naraw kif nistgħu nirranġaw din l-istatwa u barra minn hekk irridu naraw x'se nagħmlu fuq il-ħajt li hemm fl-istess triq imma li jaqa' taħt il-konfini taż-Żurrieq.

5.10.2 Spjega kif dan il-ħajt qed nistennew li jaqa' minn żmien għall-ieħor u anke s-siġar li ħerġin minn din l-għalqa għandhom bżonn żabra tajba.

5.10.3 Apparti dan kollu, t-triq taċ-Ċimiterju reġa' għandha bżonn ftit *patching* mhux ħażin għax tinstab fi stat imwiegħer.

5.10.4 Żied li din ir-responsabilita' hija f'idejn il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq minħabba li din it-triq tinsab fil-konfini tagħhom.

5.11 Is-Sindku tkellem dwar żjara li kellna mingħand il-grupp Ċiprijott minn Lapta, li ġew mal-GAL Xlokk, fejn dawwarnihom ma' postijiet t'interess fil-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Qrendi.

5.12 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema *Arts in Open Spaces* u qal li l-Perit u artist Abela jidher li qiegħed jaħdem ma' xi ħadd mill-Qrendi sabiex jissotometti l-proġett u l-proposta tiegħu.

5.12.1 Spjega kif barra dan hemm ukoll l-artist Chris Ebejer li se jkun qiegħed iressaq ukoll proposta sabiex isir xi ħaġa fir-roundabout li għandna int u dieħel il-Qrendi.

5.13 Is-Sindku tkellem dwar ir-rotot ta' Wied iż-Żurrieq u qal li mill-informazzjoni li għandu jidher li dawn ir-rotot se jerġgħu jidħlu fis-seħħ.

5.13.1 Spjega kif jidher ukoll lir-rotta li tgħaddi minn Triq il-Biżantini hija prevista li tinqata' u dan wara li saret talba mill-Kunsill Lokali minħabba li minn din it-triq prattikament ħadd mhu jirkeb il-karozza tal-linja.

5.14 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol t'infrastruttura fi Triq is-Siġġiewi u qal lix-xogħol inbeda sew min-naħa tas-Siġġiewi imma fuq in-naħa tal-Qrendi għadna ftit lura.

5.14.1 Spjega kif dan ix-xogħol qiegħed isir minn żewġ kuntratturi differenti u n-naħa tal-Qrendi qegħdin jieħdu ħsiebha Polidano Bros.

5.14.2 Żied li fl-aħħar jiem ix-xogħol kien wieqaf minħabba li l-kumpanija kienet bix-*shutdown*.

5.14.3 Fisser li l-kostruzzjoni ta' din it-triq tista' tfisser problema akbar t'ilma għar-residenti meta tagħmel ħafna xita u l-ilma jinżel bis-saħħa.

5.14.4 Qal li rridu noqgħodu ħafna attenti wkoll fejn hemm postijiet li fihom jista' joqgħod l-ilma u allura dan ifisser t'inkonvenjent għal min joqgħod hemmhekk jew għal min jgħaddi minn din it-triq.

5.15 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq Misraħ is-Sinjura u qal li parti minn din it-triq se tkun qiegħda ssir fil-ġimgħat li ġejjin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.15.1 Spjega kif se ssir biss il-parti minn kantuniera ma' Triq San Nikola sa kantuniera ma' Triq San Niklaw.

5.15.2 Żied li mill-informazzjoni li għandu jidher li se ssir talba sabiex jinbidel is-servizz tal-ilma u dan jieħu xi żmien sakemm jiġi mibdul, hekk kif jiġi aċċettat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**NB** *Il-Kunsillier Daniela Farrugia telqet mil-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-7pm minħabba impenji oħra.*

5.16 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Panorama u qal li l-parti li kellha ssir minn din it-triq suppost waslet biex tinbeda għaliex il-Gvern kien qal li din il-parti se tkun lesta sal-aħħar ta' din is-sena.

5.16.1 Qal li s'issa l-Kunsill Lokali ma ġiex mgħarraf meta se jinbeda x-xogħol.

5.17 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Puniċi u qal li għalkemm xhur ilu ntbagħtet ittra mingħand Transport Malta lir-residenti li joqgħodu viċin din it-triq li fi żmien tliet ġimgħat kellu jinbeda x-xogħol, sal-lum din it-triq għadha fl-istess stat li kienet.

5.17.1 Spjega kif minn komunikazzjoni li kellu jidher li fadal ftit żmien mhux ħażin sabiex tinbeda din it-triq.

5.17.2 Jidher li fil-preżent il-kuntrattur li rebaħ it-tender sabiex jagħmel ix-xogħolijiet fuq din it-triq qiegħed jaħdem fuq Triq il-Kosta u allura fadlilna nistennew minħabba lix-xogħol mistenni jinbeda wara li titlesta' Triq il-Kosta.

5.18 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar laqgħa li saret mal-Każini tal-Banda u l-Għaqdiet li ħadu sehem fil-Festival Agrarju tal-Patata 2015 u dan sabiex jitqassmu l-flus li kien hemm bħala qliegħ mill-Bar.

5.18.1 Qal li kulħadd ħa 16% tal-qliegħ.

5.18.2 Spjega kif matul din il-laqgħa nġibdet l-attenzjoni ta' kulħadd li wara li spiċċa l-Festival ma sibniex għajnuna sabiex inżarmaw il-Bar kif kien il-

ftehim u li jekk kemm-il darba s-sena d-dieħla se tiġri l-istess storja, jitnaqqas il-persentaġġ ta' qliegħ li jieħdu mill-Bar.

5.18.3 Żied li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jgħaddi €150 mill-qliegħ li għandu hu sabiex jingħataw lil Dr Klown u l-preżentazzjoni ta' dawn il-flus se ssir nhar il-Ħamis 27 t'Awwissu fl-Isptar Mater Dei.

5.19 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-Berġa tal-lokal u staqsa jekk nistgħux bħala Kunsill Lokali nitolbu sabiex jiżdiedu s-servizzi li jingħataw f'din il-Berġa.

5.19.1 Is-Sindku qal li fil-preżent is-sitwazzjoni hija ftit anomala minħabba li għadna qegħdin nistennew jekk hux se ningħataw fondi sabiex bħala Kunsill Lokali nibdew il-binja ġdida.

5.19.2 Spjega kif ma tantx tagħmel sens li nagħmlu ħafna pressjoni sabiex inżidu s-servizzi jekk ftit wara jkollna nwaqqfu kollox minħabba li jkun se jinbeda x-xogħol fuq il-bini l-ġdid tal-binja tal-Kunsill Lokali.

5.20 Il-Viċi Sindku tkellem dwar sitwazzjoni li qiegħda tqum fi Triq Nazzareno Sammut fejn hemm xi residenti li qegħdin jitfgħu l-ilma tal-*washing machine* direttament barra t-triq.

5.20.1 Is-Sindku wieġeb li min-naħa tiegħu diġa' tkellem mal-persuni konċernati u suppost is-sitwazzjoni kellha tiġi riżolta mill-aktar fis.

5.21 Il-Viċi Sindku tkellem dwar ir-restawr tal-Monumenti tal-lokal u staqsa jekk kemm-il darba hemmx xi ċans li jiġu restawrati l-Monument Ħames Blanzuni, l-Monument tal-Gwerra kif ukoll l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.

5.21.1 Is-Sindku wieġeb li dwar l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes il-Kunsill Lokali kien avviċina lis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes lura għall-2013 sabiex din l-istatwa tkun imdaħħla mal-istatwi l-oħra li kien se jsir restawr fuqhom.

5.21.2 Spjega kif dak iż-żmien is-Soċjeta' ma xtaqitx li jsir dan ir-restawr fuq l-istatwa u lanqas xtaqet li l-Kunsill Lokali jieħu f'idejh id-dawl ta' din l-

istatwa.

5.21.3 Dwar il-Monument tal-Gwerra s-Sindku spjega li dan kulma għandu bżonn tindifa ħafifa filwaqt li l-Monument Ħames Blanzuni mhuwiex f'xi stat ħażin u għalissa m'hemmx bżonn restawr fuqu.

5.22 Il-Viċi Sindku tkellem dwar proposta li ssir mera fi Triq it-Torri faċċata ta' Triq Dun Nerik Mahoney.

5.22.1 Qal li xi ħadd wassallu dan l-ilment u fl-opinjoni tiegħu jagħmel sens ħafna minħabba li min ikun ħiereġ minn Triq Dun Nerik Mahoney ma jkunx jista' jara min ikun għaddej minn Triq it-Torri.

5.23 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment jekk bħala Kunsill Lokali għandniex nagħtu l-ktieb miktub minn Dr George Cassar lil-libreriji li jinsabu fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

5.23.1 Is-Sindku wieġeb li l-librerija nazzjonali xtraw għaxar kotba u dawn kellhom iqassmuhom f'libreriji differenti.

5.24 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk ir-restawr li kien qiegħed isir minn Din l-Art Ħelwa fuq Torri Xutu huwiex lest.

5.24.1 Is-Sindku wieġeb lir-restawr fuq dan it-Torri għadu għaddej u fadal xi jsir mhux ħażin, imma fl-istess ħin ix-xogħol kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra miexi skont il-programm imfassal.

5.24.2 Żied li huwa antiċipat li dan it-Torri jinfetaħ għall-pubbliku fl-2017.

5.25 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq talba quddiem il-Kunsill Lokali sabiex jinxtara siġġu għall-uffiċċju minħabba li wieħed li kien hemm m'għadux fi stat tajjeb.

5.25.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill Lokali u spjega liema siġġu huwa l-aktar addattat għall-uffiċċju.

5.25.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mat-talba sabiex jinxtara s-siġġu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

propost.

## 6. FINANZI

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €19,900.27c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/15 u €32.84c skont il-*Petty Cash* Ref S/07.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:35pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2015 fil-5:30pm.

_______________________ _______________________

**Chris Falzon** **David Schembri**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**